

32003L0121

19.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 332/38

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/121/KE
tal-15 ta' Diċembru 2003**

**li temenda d-Direttiva 98/53/KE li tistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi
għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' xi sustanzi li jikkontaminaw oġġetti ta' l-ikel**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 85/591/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar l-introduzzjoni ta' metodi Komunitarji dwar teħid ta' kampjuni u analiżi għall-monitoraġġ ta' oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum tal-bniedem ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 tat-8 ta' Marzu 2001 li jstabbilixxi l-ogħla livelli għal xi sustanzi li jikkontaminaw oġġetti ta' l-ikel ⁽²⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1425/2003 ⁽³⁾, jiffissa limiti massimi speċifiċi għal qamħirrum biex ikun suġġettat għal li jingħażel, jew għal xi trattament fiżiku ieħor, qabel jittiekel mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel.
- (2) It-teħid ta' kampjuni jiffirma parti kruċjali fil-preċiżjoni ta' kif jiġu stabbiliti l-livelli ta' aflatossini, li jkunu ferm eteroġenament imqassma flott. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/53/KE ⁽⁴⁾, kif emendata bid-Direttiva 2002/27/KE ⁽⁵⁾, għandha tiġi emendata biex tinkludi disposizzjonijiet speċifiċi biex il-qamħirrum ikun suġġettat għal li jingħażel, jew għal xi trattament fiżiku ieħor, qabel jittiekel mill-bniedem jew jintuża bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel.
- (3) Hu ta' importanza kbira li r-riżultati analitiċi jiġu rappurati u interpretati b'mod uniformi biex ikun żgurat metodu ta' infurzar armonizzat fl-Unjoni kollha. Dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni għandhom ikunu ta' applikazzjoni għar-riżultat analitiku miksub mill-kampjun għal kontroll uffiċjali. Fil-każ ta' analiżi għal raġunijiet ta' difiża jew arbitraġġ, ir-regoli nazzjonali japplikaw.
- (4) Id-Direttiva 98/53/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (5) Il-miżuri li għalihom tiddisponi din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 98/53/KE hu emendat kif jidher fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

L-Anness II tad-Direttiva 98/53/KE he emendat kif jidher fl-Anness II ta' din id-Direttiva

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Ottubru 2004 l-aktar tard.. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-disposizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-disposizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu supplimentati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha tkun magħmula din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 372, tal-31.12.1985, p. 50.

⁽²⁾ ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 203, tat-12.8.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 201, tas-17.7.1998, p. 93.

⁽⁵⁾ ĠU L 75, tas-16.3.2002, p. 44.

ANNEX I

L-Anness I tad-Direttiva 98/53/KE hu emendat kif ġej:

1. fil-punt 5.2.1, ir-raba' inċiż jinbidel b'li ġej:

“— piż tal-kampjun kollu kemm hu = 30 kg li għandu jitħallat u jiġi diviż fi tliet sub-kampjuni ugwali ta' 10 kg qabel it-tin (din id-diviżjoni fi tliet sub-kampjuni m'hemmx b'żonnha fil-każ ta' *groundnuts*, ġewż, frott imqadded u qamħirrum maħsuba biex jintgħażlu aktar jew għal aktar trattament fiżiku, madankollu dan jiddependi mid-disponibiltà ta' tagħmir li kapaċi jomogenizza kampjun ta' 30 kg). F'dawk il-każi fejn il-piżijiet tal-kampjuni kollha kemm huma jkunu taħt 1-10 kg, il-kampjun kollu m'għandux jiġi diviż fi tliet sub-kampjuni. Fil-każ tal-ħwawar il-kampjun kollu kemm hu ma jiżinx aktar minn 10 kg u għalhekk ebda diviżjoni f'sub-kampjuni mhi meħtieġa.”;

2. il-punt 5.2.2 jinbidel b'dan li ġej:

“5.2.2. Aċċettazzjoni ta' lott jew sub-lott

- Għal *groundnuts*, ġewż, frott imqadded u qamħirrum suġġettati għal xi għażla jew xi trattament fiżiku ieħor u ħwawar:
 - aċċettazzjoni jekk il-kampjun kollu kemm hu jew il-medja tas-sub-kampjuni jikkonformaw mal-limitu massimu, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru,
 - rifjut jekk il-kampjun kollu jew il-medja tas-sub-kampjuni jaqbeż l-limitu massimu mingħajr dubju raġonevoli, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru.
- Għal *groundnuts*, ġewż, frott imqadded u ċereali maħsuba għal konsum dirett tal-bniedem u ċereali, bl-eċċezzjoni tal-qamħirrum, li jkunu suġġettati għal xi għażla jew xi trattament fiżiku ieħor:
 - aċċettazzjoni jekk l-ebda wieħed mis-sub-kampjuni ma jaqbeż il-limitu massimu, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru,
 - rifjut jekk wieħed jew aktar minn wieħed tas-sub-kampjuni jaqbeż il-limitu massimu mingħajr dubju raġonevoli, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru
 - meta l-kampjun kollu kemm hu jkun taħt 1-10 kg:
 - aċċettazzjoni jekk il-kampjun kollu kemm hu jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru
 - rifjut jekk il-kampjun kollu jaqbeż il-limitu massimu mingħajr dubju raġonevoli waqt li titqies l-inċertezza ta' l-analiżi u l-korrezzjoni għal irkupru.”

3. il-punt 5.4.2 jinbidel b'dan li ġej:

“5.4.2. Aċċettazzjoni ta' lott jew sub-lott

- aċċettazzjoni jekk il-kampjun kollu kemm hu jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru
- rifjut jekk il-kampjun kollu kemm hu jaqbeż il-limitu massimu mingħajr dubju raġonevoli waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru.”

4. il-punt 5.5.1.2 jinbidel b'dan li ġej:

“5.5.1.2. Aċċettazzjoni ta' lott jew sub-lott

- aċċettazzjoni jekk il-kampjun kollu kemm hu jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru
- rifjut jekk il-kampjun kollu kemm hu jaqbeż il-limitu massimu mingħajr dubju raġonevoli waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru.”

5. il-punt 5.5.2.3 jinbidel b'dan li ġej:

“5.5.2.3. Aċċettazzjoni ta' lott jew sub-lott

- aċċettazzjoni jekk il-kampjun kollu kemm hu jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru,
- rifjut jekk il-kampjun kollu kemm hu jaqbeż il-limitu massimu mingħajr dubju raġonevoli waqt li titqies l-inċertezza tal-miżura u l-korrezzjoni għal irkupru.”

ANNEX II

Fl-Anness II tad-Direttiva 98/53/KE, il-punt 4.4 jinbidel b'dan li ġej:

“4.4. Kalkolazzjoni ta' l-irkupru u rappurtar ta' riżultati

Ir-riżultat analitiku irid ikun rappurtat b'korrezzjoni jew bla korrezzjoni għal irkupru. Il-mod ta' rappurtaġġ u l-livell ta' rkupru għandhom ikunu rappurtati. Ir-riżultat analitiku b'korrezzjoni għal irkupru jintuża biex tkun aċċertata l-konformit_ (ara l-Anness I, punti 5.2.2, 5.3.2, 5.4.2, 5.5.1.2 u 5.5.2.3).

Ir-riżultat analitiku jrid jiġi rappurtat bħala $x \pm U$ fejn x hu r-riżultat analitiku u U hi l-inċertezza tal-miżura tespandi, bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell fiduċjarju ta' bejn wiehded u ieħor 95 %.”
